Issokta jgħid sieħbi: Għandna Piazza Celsi u Sda. Celsi, mit-taljan Gelso (*Morus alba u Morus nigra*) it-tuta u ċ-ċawsra—siġra magħrufa li dari tinżamm aktarx biex irabbu d-dud tal-ħarir li jiekol il-weraq tagħha biss. Siġra minn dawn f'dik li ngħidulha Piazza Celsi, quddiem l-Aragon, il-Belt kienet, naħseb, tixraq kemm għalina kemm għall-barranin li jsiru jifhmu mnejn huma ġejjin xi ismijiet ta' rħula u ta' toroq.

Ġieni f'moħħi nikteb dak li qal sieħbi fit-taħdita li kellna biex, jekk jista' jkun, din ix-xewqa tiegħu sseħħ għall-ġieħ ta' dawn il-gżejjer u tal-Isien Malti.

Hekk għandna nuru l-imħabba tagħna lejn pajjiżna mhux bil-kliem biss; il-poplu jitgħallem u actar jitħaġġeġ lejn il ġrajja ta' dawn il-gżejjer. Naħseb li l-ġurnali tagħna jkomplu ma' dak li xtaq sieħbi u l-biċċa sseħħ.

T. Z.

# LIŻ-ŻAHRIJA

Kemm int ħelwa, ja Żahrija,
Fost tal-kwiekeb il-miġemgħa
Donnok żahra waħdenija
Illi nbitt fin-nir tas-sema!

Dika l-kewkba, inti, l-ġerrejja
Fost li jduru max-xemx tagħna
Li għal ġmielek u ħlewwietek
Ta' l-imħabba sirt sultana

L-aqwa dawlek! għax xħin jisbaħ
Tiegħek tibqa' l-aħħar dija
U inti tibda tiddi l-ewwel
Meta jidlam fil-għaxija

Jekk insew, m'għarfux lil Alla
Dawk in-nies li tawk il-qima
Jiena fik il-cobor Tiegħu
Nagħraf u nagħtik tislima.

V. M. B.



# L-ISTORJA TAL-MUSBIEĦ

Alla l-Imbierek, fost il-ħajjin kollha li ħalaq, lill-bniedem biss tah il-għerf u s-setgħa li jżid il-ħwejjeġ tal-ħulqien.

Dan il-ħaj tal-għaġeb, il-bniedem, li jistħoqqlu tassew it-tifħir li jfaħħru l-ktieb Imqaddes meta jsemmih bħala "Sura u xbieha t'Alla," mill-bidu tiegħu fuq wiċċ l-art sal-lum ma hediex jagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb, u anqas fi ħsiebu jehda, milli jidher, sa l-aħħar taż-żminijiet.

Il-bniedem, sa minn bikri, donnu ħass li ma kienx biż-żejjed għalih li jara biss meta fuq wiċċ is-sema jiddu x-xemx u l-qamar u l-kwiekeb. Ried "joħloq" xi ħaġa li biha jista' jara wkoll kull meta u kull fejn id-dawl ta' dawn l-egħjun tas-sema ma jaqdihx jew ma jilħqux.

Għal dan, il-bniedem ħaddem dak il-għerf barrani li tah Alla lilu waħdu, u hekk għamel jew "ħalaq" il-musbieħ.

Kif tgħid ġie f'moħħ il-bniedem li biex ikollu d-dawl f'ħinijiet u mkejjen tad-dlam, jagħmel musbieħ biż-żejt u l-ftila?

Billi l-bniedem minn żminijiet bikrija, beda, bħala għelm ta' ġieħ lil Alla jaħraq il-bhejjem, fosthom il-qażquż li għandu bosta xaħam naħseb li xi darba, xi wieħed mill-bnedmin ewlenija, tagħtu f'għajnejh xi laqxa ħatab żgħira imwaqqgħa mill-ħuġġieġa, li sata' lemaħha taqbad bla ma tinħela ġewwa xi għadira żgħira ta' xaħam imdewweb li niżel mid-dbigħa ta' fuq l-artal.

Nistħajjel li qal f'qalbu: "Jekk nagħmel biċċa laqxa bħal dik ġewwa ftit xaħam imdewweb u nixgħelha jista' jkolli d-dawl fil-għerien tiegħi għal bosta ħin."

Hekk, k'ikolli ngħid, sar l-ewwel musbieħ. Il-bniedem sata' rawwem qoxra kbira ta' xi mħara, jew bieqja tal-ħaġar, imlieha bix-xaħam imdewweb u waħħal f'nofsu laqxa tal-għuda jew xi malluta tal-għeruq irqaq nixfin. Kebbes il-kubrit miż-żnied, xegħel dik l-ewwel xorta ta' ftila, u hekk "ħalaq" l-ewwel musbieħ.

Meta l-bniedem tgħallem jagħġen it-tafal, jaħmih u jisngħu fuħħar, bdiel il-bwieqi ta'l-imħar u tal-ħaġar beda jagħmel l-imsiebaħ tiegħu fi bwieqi tal-fuħħar. Bosta bwieqi u brajmiet li għandna fil-mużewijiet tagħna maħruqin fil-ġewwieni tagħhom u fi truf xuftejhom aktarx li ma humiex ħaġa oħra għajr imsiebaħ tax-xaħam ta' l-ewwel żminijiet.